



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2014/0101(CNS)**

24.3.2014

**\***

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE dwar id-dazji tal-baċir fid-dipartimenti ultraperiferiċi Franċiżi  
(COM(2014)0181 – C7-0000/2014 – 2014/0101(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

(Proċedura simplifikata – Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	5



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE dwar id-dazji tal-baċir fid-dipartimenti ultraperiferiċi Franċiżi  
(COM(2014)0181 – C7-0000/2014 – 2014/0101(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2014)0181),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0000/2014),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sostanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **NOTA SPJEGATTIVA**

Skont in-nota spjegattiva tal-proposta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tal-10 ta' Frar 2004 (kif emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/439/KE tad-9 ta' Ġunju 2008 u 448/2011/UE tad-19 ta' Lulju 2011), addottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 349 tat-TFUE), tawtorizza lil Franza, sal-1 ta' Lulju 2014, li tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tad-'dazji tal-baċir' għal għadd ta' prodotti

manifatturati lokalment fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza (esklużi l-ġżira ta' Saint Martin), sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u ssir tpattija għall-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni minħabba l-iżolazzjoni ta' dawn ir-reġjuni, id-dipendenza mill-materja prima u l-enerġija, l-obbligu li jibnu l-ħażniet, iċ-ċkunija tas-suq lokali u l-livell baxx ta' attività ta' esportazzjoni.

Franza talbet li sal-31 ta' Diċembru 2020 tibqa' tinżamm sistema ta' tassazzjoni differenzjata simili għas-sistema attwali. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-analiżi tal-elienki tal-prodotti li għalihom Franza tixtieq tapplika sistema ta' tassazzjoni differenzjata hija proċess twil, li ma jistax jitlesta qabel tmiem il-validità tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, jiġifieri fl-1 ta' Lulju 2014.

Hija u tqis il-fatt li, f'każ li proposta ma tiġix adottata qabel dik id-data tista' tinholq lakuna ġuridika peress li dan in-nuqqas ineħħi l-possibilità li ssir l-applikazzjoni ta' kwalunkwe tassazzjoni differenzjata fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza, il-Kummissjoni tipproponi li Deċiżjoni 2004/162/KE tiġi estiża għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tlesti għalkollox l-analiżi tagħha u tippreżenta proposta ekwibrata li tiegħu kont tad-diversi interessi li hemm involuti.

Fid-dawl tal-fatt li din il-miżura hija ġustifikabbli u hija maħsuba biex tkompli tistimola l-attività ekonomika u l-kompetittività f'reġjun ultraperiferiku, il-President tipproponi li din il-proposta tiġi adottata mingħajr ma tiġi emendata, skont l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura.